MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru 1402/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Ramon Mercieca**
**vs**
**Anton Falzon**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni kontra Anton Falzon ta’ 24 sena iben Joseph u Maria Antida nee’ Chetcuti mwieled fit-22 ta’ Frar 1983 u residenti 21 ‘Evergreen’ Triq il-Karenza Balzan, ID 137283 (M).**

**Akkuzat talli fl-1 ta’ Settembru 2007 ghall-habta ta’ 3.30am fi Triq il-Papa Piju XII B’Kara saq vettura numru BBM 604 b’manjiera perikoluza u b’nuqqas ta’ hsieb u traskuragni jew nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament kkaguna offizi ta’ natura**

**gravi fuq il-persuna ta' Vicky (Victoria) Catania skond kif ccertifikat Dr A Attard MD ta' l-Isptar San Luqa.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Ikkonsidrat li l-allegata vittma ghalkemm ghall-ewwel kien jidher li ghandha griehi gravi, dawn ma kienux problema iktar ghaliha meta xehdet. Izda jidher li effettivament hi kellha htija a sinistru ghax qabdet u harget minn stop sign minghajr ma qaghdet attenta hi u ssuq il-karozza.**

**Effettivament l-imputat xehed li hu kien thallas mill-insurance ta' l-allegata vittma ghad-danni li huwa kien sofra.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat wara li rat is-Sezzjonijiet 226 (1) (a) (b) (c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba karenza ta' provi kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------